MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2014

Rikors Numru. 353/2014

**AB**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

1. Illi il-partijiet izzewgu fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru tas-sena elf, disa' mija u tlieta u disghin (1993) u minn dak iz-zwieg kien hemm tliet ulied tnejn mil-liema ghadhom minuri ;
2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta' sentenza moghtija mill-Onor. Imhallef Abigail Lofaro nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012), liema ma gietx appellata (Dok HH) ;
3. Illi madanakollu l-partijiet ilhom jghixu hajja totalment separata minn xulxin minn tlieta (3) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) ghal dal-ahhar u cioe' 'il fuq minn erba' snin ;
4. Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi l-partijiet ilhom effettivament jghixu hajja separata ghall-iktar minn erbghin snin u llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin ;
5. Illi l-manteniment tal-minuri gie ukoll regolat permezz tas-sentenza hawn annessa, filwaqt li l-ebda manteniment ma hu dovut ghar-rikorrenti jew l-intimat ;
6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mill-ligi ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti, m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall ta' zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan tal-ahhar jirregistra l-istess fic-certifikat taz-zwieg tal-partijiet;

U dana taht kull provvediment iehor li l-istess jidhrilha li hu xieraq u opportun;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' Settembru, 2014;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-27 ta’ Novembru 2012, izda ilhom de facto separati mit-3 ta’ Lulju 2010;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------